TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 130/15/GB

**John Azzopardi**

**vs**

**Cutajar Ltd.**

Illum 9 ta' Settembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-25 ta' Gunju, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), rapprezentanti l-prezz li hallas lis-socjeta' ntimata ghal 'mobile phone', liema 'mobile phone' gie ddannegjat mis-socjeta' ntimata wara li ttiehed ghat-tiswija.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara 'mobile' minghand is-socjeta' ntimata. Sena wara, dan il-'mobile' ma bedhiex jahdem sew. Illi ghalhekk huwa kien ha l-'mobile' lura ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija, fejn kellu jhallas hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00) ghat-tiswija. Tliet ijiem wara, ir-rikorrent mar jigbor il-'mobile', pero' ma hargux mill-kaxxa u hallieh fiha sakemm gie t-tifel mix-xoghol, ghaliex il-'mobile' in kwistjoni huwa tat-tifel. Ghaldaqstant kien ghadda ftit tal-hin sakemm dan inhareg mill-kaxxa. Kif fethu t-tifel, qal li ma kienx tieghu ghax kien kollu grif u ma kien qed jahdem xejn. Ir-rikorrent mar lura ghand is-socjeta' ntimata, pero' intlaqa' b'hafna ghajjat u theddid. Is-socjeta' ntimata ma offriet xejn lir-rikorrent, hlief li baghtitu l-barra.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent gab il-'mobile' ghat-tiswija fit-13 ta' April. It-tekniku taghha sewwa l-'mobile' li kellu l-hsara fl-ispeaker, fejn huwa biddel l-ispeaker u biex jaghmel dan kellu jaqla' l-'cover' ta' wara. Jiġifieri l-iscreen ma missux biex wasal ghall-ispeaker.

Ir-rikorrent mar ghal-'mobile' fis-16 ta' April fid-9:00 ta' filghodu u ha l-'mobile'. Normalment kull klijent dejjem jiċċekkja l-prodott qabel ma jitlaq.

Ir-rikorrent informa lis-socjeta' ntimata bil-ksur tal-'mobile' fit-3:00 ta' wara nofsinhar, jiġifieri sitt sieghat wara. Is-socjeta' ntimata ma tista' qatt taċċetta li tkun responsabbli ghall-prodott wara li johrog mill-premises taghha. Is-socjeta' ntimata mhux qed taċċetta li qed jghid ir-rikorrent, u cioe' li s-socjeta' ntimata poġġiet 'mobile' mkisser fil-kaxxa.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' 'job form' flimkien ma' riċevuta ghall-hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00), li ġiet immarkata bhala Dok.JA1.

Ir-rikorrent ezebixxa il-'mobile phone' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

In vista tal-fatt li r-rikorrent ma kellux riċevuta ta' meta nxtara l-'mobile phone' in kwistjoni, it-Tribunal talab lis-socjeta' ntimata tikkonferma jekk l-imsemmi 'mobile phone' kien inxtara *minghandha u ghall-liema prezz, fejn hija rrispondiet fl-affermattiv u żiedet tghid li l-prezz* ta'l-istess mudell illum il-gurnata huwa ta' mija disgha u hamsin Ewro (€159.00).

Xehdet Frida Azzopardi, prodotta mir-rikorrent, fejn fix-xhieda ġuramentata taghha hija kkoroborat il-verzjoni tar-rikorrent.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota li s-socjeta' ntimata, ghalkemm ammettiet fix-xhieda ġuramentata taghha li l-'mobile phone' kien fi stat tajjeb meta ttiehed ghat-tiswija, sussegwentement ma ressqet l-ebda prova fid-difiza taghha, billi ma pproduciet l-ebda prova ta' xogholijiet ta' tiswija li saru fuq il-'mobile phone' in kwistjoni, jew prova tal-fatt illi l-'mobile phone' kien fi stat tajjeb meta tpoġġa fil-kaxxa, u dana stante li t-tekniku in kwistjoni ma ttellax jixhed quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal jinnota wkoll in-nuqqas totali ta' kredibbilita' da parti tas-socjeta' ntimata. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, flimkien max-xhieda verament kredibbli da parti tar-rikorrent, it-Tribunal qed

jikkonkludi illi kien hemm nuqqas ta' servizz da parti tas-socjeta' ntimata, u b'hekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, limitatament ghall-prezz li gie kkonfermat mis-socjeta' ntimata, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija disgha u hamsin Ewro (€159.00) lir-rikorrent, filwaqt li tordna lir-rikorrent tirritorna l-'mobile phone' in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**